A.L. 18 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2004 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-Ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 2), hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". A.L. 109 ta' l-1993.

Trasferiment lura ta' drittijiet u responsabbiltajiet.

2. Id-drittijiet u responsabbiltajiet vestiti fil-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta fir-rigward ta' l-art imsemmija fis-subartiklu (3) ta' l-artiklu 4 ta' l-Ordni prinċipali huma b'dan trasferiti lura lill-Kummissarju ta' l-Artijiet għar-rigward ta' l-artijiet f'Ta' Qali, limiti ta' l-Imdina, flimkien mal-bini hemmhekk mibni, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 164/93. Dik il-pjanta L.D. 164/93 hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Lulju, 1993.